**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 69/2022**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Raymond Buhagiar**

Illum, 26 ta' Lulju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Raymond Buhagiar, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 134256(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bejn Lulju 2016 u Frar tas-sena 2022 ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Approprija ruħu billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, u li kienet ġiet fdata lilu minħabba professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz, jew minħabba depożitu neċessarju, għad-detriment ta' Joseph Agius u/jew Peter Charles Agius u/jew Philip

Agius u/jew persuni jew entitajiet oħra, liema qliegħ jammonta għall-aktar minn ħamest elef euro (€5,000);

2. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer irrenda ruħu reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Diċembru 2023, fejn wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet addebitati lilu, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat lil ħati li jitqiegħed taħt ordni ta' *probation* u servizz. L-ordni ta' *probation* magħmula ai termini tal-Artikolu 7 tal-Att dwar il-*Probation* hu għall-perjodu ta' tlett (3) snin filwaqt li l-ħati kien ordnat jaqdi mitt (100) siegħa ta' servizz fil-komunità, kif speċifikat fl-artikolu 11 tal-Att dwar il-*Probation*. A tenur tal-artikolu 24 tal-Att dwar il-*Probation*, ordnat lill-imputat sabiex fi żmien sitt xhur iħallas il-kumplament ta' dak dovut minnu lill-aħwa Agius u dan b'pagamenti mensili bid-dekadenza. F'każ li ma jsirx pagament wieħed, il-kumplament dovut għandu jithallas minnufih mingħajr eċċezzjonijiet jew skużi ulterjuri. Il-Qorti spjegat lill-imputat il-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jingħatawlu fil-perjodu ta' superviżjoni jew jekk ma jagħmilx il-ħlas kollu dovut fi żmien sitt xhur millum bil-mod kif ordnat. A tenur tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali ordnat il-ħruġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputati a favur tal-vittmi l-aħwa Joseph Agius, Peter Charles Agius u Philip Agius għal żmien tlett (3) snin millum.

Rat ir-rikors tal-appellant Raymond Buhagiar, ippreżentat fit-2 ta' Jannar 2024, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tiġi mposta piena aktar ekwa u idoneja għaċ-ċirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-uniku *gravam* sottopost għall-ġudizzju tal-Qorti jikkonċerna l-piena erogata fil-konfront tal-appellant mill-Ewwel Qorti u dan meta, fil-fehma tiegħu, dik il-Qorti ma qisitx n-natura tal-ksur imwettaq minnu u għalhekk taċ-ċirkostanzi tiegħu fil-każ speċifiku. Huwa jisħaq li ma kellu qatt l-intenzjoni li japprofitta ruħu mill-allegati vittmi u li qiegħed jagħmel l-almu tiegħu sabiex jgħaddielhom il-bilanċ tal-flus li gaħdu dovut u li kien minnu meħud indebitament.

Illi, sakemm il-piena erogata mill-qorti tal-prim'istanza ma tkunx b'xi mod *"wrong in principle"* jew *"manifestly excessive"*[1], kif diversi drabi deċiż fi stadju ta' reviżjoni, din il-Qorti ma għandhiex tiddisturba din id-diskrezzjoni fdata lil dik il-qorti li tkun semgħet u għexet il-każ. Illi l-Ewwel Qorti walset għal kalibrazzjoni tal-piena, wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet, li fil-fehma ta' din il-Qorti kienu ferm validi:

> **Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-fedina penali mtappna tal-imputat u taċ-ċirkostanzi tal-każ u senjatament ta' dak li ġie kkonstatat mill-Probation Officer li ħejja il-Pre-Sentencing Report. Ġie kunsidrat li l-imputat hu reċidiv filwaqt li ittieħed kont li ammetta għall-iżball tiegħu w talab li jkun jista' jagħmel riparazzjoni billi jħallas lill-vittmi lura. Tenut kont li l-imputat kellu altru żmien suffiċjenti biex jekk verament kien intenzjonat jagħmel restituzzjoni sħiħa, dan seta' jagħmilha, il-Qorti ser timponi limitu massimu ta' sitt xhur sabiex isir dan. F'każ li ma jasalx qed jingħad minn issa li l-Qorti mhux ser tkun disposta li tagħti xi żmien ulterjuri u tkun ser tgħaddi biex tittratta mal-imputat li qed jiffaċċja massimu ta' disa' snin priġunerija liema żmien jista' jiżdied in kwantu l-imputat hu reċidiv.**
>
> **Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, fejn hu fl-interess tal-vittmi li l-imputat jibqa' f'pożizzjoni fejn għandu jħallas ta' dak li b'qerq approprija indebitament ruħu minnu, w ċioè is-somma li llum għandha bilanċ ta' €47,000, piena karċerarja ma tkunx waħda idoneja. Madanakollu, l-imputat irid jrodd lura**

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

**anke lis-soċjetà li tagħha kiser il-ligijiet msejsa biex jipproteġuha minn ilpup frawdolenti u makkaki bħal ma wera li jaf ikun hu.**

Illi, dina l-Qorti taqbel pjenament ma' dak mistqarr mill-Ewwel Qorti u għalhekk, a skans ta' repetizzjoni nutli, tagħmel dawn l-istess kunsiderazzjonijiet tagħha. Illi allura mhuwiex minnu dak li jallega l-appellant illi l-Ewwel Qorti ma ħaditx kont tal-fatti partikolari appartenenti lill-każ rimess quddiemha għal ġudizzju tagħha, iżda qiset mhux biss l-elementi ta' riparazzjoni u retribuzzjoni meta ġiet biex tiddeċiedi liema kienet dik il-piena idonja, iżda ukoll tat opportunita' lill-appellant li jirriforma ħajtu u jsewwi l-iżbalji li għamel meta ma' għaddietx għall-inkarċerazzjoni tiegħu.

*In oltre*, l-appellant, debitament assistit, u wara li l-Qorti fehmitu l-konsegwenzi legali ta'l-ammissjoni tiegħu, u mogħti żmien biex jaħsibha sew, għadda biex ammetta b'mod volontarju u inkondizzjonat l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ma ġietx minnu kontestata. Issa kien diversi drabi ribadit illi meta l-persuna mixlija bil-kummissjoni ta' reat tiddeċiedi li tammetti l-imputazzjonijiet jew akkużi miġjuba kontra tagħha hija tkun qed tħalli f'idejn il-Qorti sabiex tagħti dik il-piena li tqis l-aktar idonja fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Issa f'dan il-każ l-Ewwel Qorti imxiet b'kawtela kbira qabel ma għaddiet għas-sentenza u bl-għajnuna ta' *pre-sentencing report* imħejji minn Uffiċjal tal-*Probation* qiset jekk l-appellant setax jibbenefika minn piena alternattiva għal dik tal-inkarċerazzjoni. Fil-fatt, kontra l-appellant, kienu applikati mill-Ewwel Qorti d-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 18 tal-Kap.446 sabiex b'hekk minflok jispiċċa il-ħabs, huwa ser jagħti lura mhux biss lill-vittmi, iżda ukoll lis-soċjeta in ġenerali, bil-ħidma tiegħu, parti minn dak li huwa ħa illegalment. Illi, mbagħad, l-Ewwel Qorti ikkonċediet lill-appellant żmien ulterjuri ta' sitt xhur sabiex iħallas lil parti offiża il-flus kollha li huwa kiseb illegalment. Għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma illi s-sentenza appellata hija waħda li tagħmel ġustizzja kemm ma'l-appellant, iżda fuq kollox mal-vittmi tar-reat u mas-soċjeta in ġenerali.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier tagħha. It-terminu tal-Ordni ta'** ***Probation*** **u Servizz**

**fit-termini ta'l-artikolu 18 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, flimkien mas-sigħat ta' xogħol fil-komunita, jibda jiddekorri mill-lum. Il-perijodu ta' sitt xhur konċess lill-appellant sabiex jirrestitwixxi l-flus meħuda minnu indebitament lil vittmi Joseph, Philip u Peter Agius jibda jiddekorri ukoll mil-lum.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**